MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-24 ta'April, 2017

Rikors Maħluf numru: 1166/14LM

**Bartoli Brothers Limited (C 16827)**

**vs**

**Wayne Chetcuti (K.I. 306001L), Armand Chetcuti (K.I. 89289M) u Helena Chetcuti (K.I. 118768M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Bartoli Brothers Limited** (minn

issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi"), li ġie ppreżentat fid-19 ta' Diċembru, 2014, li jgħid:

*A. Dikjarazzjoni tal-Fatti:*

1. *Illi s-soċjetà rikorrenti provdiet prodotti u/jew servizzi lill-intimati in konnessjoni mar-restaurant ġestit minnhom, u ċjoè Mozzarella's Restaurant li jinsab ix-Xatt ta' Qui-si-Sana, Sliema u sussegwentement fil-kumpless ta' BayStreet Paceville.*

2. *Illi s-soċjetà rikorrenti hija dovuta mill-intimati, jew min minnhom, is-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31) rappreżentanti ammont mhux imħallas għall-prodotti jew servizzi provduti minnha lill-intimati fuq ordni u inkarigu tagħhom stess, inkluż imgħax dovut mis-sena elfejn u għaxra (2010)*

*B. Raġunijiet għat-Talbiet Attriċi:*

1. *Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati diversi drabi sabiex jersqu għall-ħlas huma baqgħu inadempjenti u dan mingħajr raġuni valida fil-liġi.*

2. *Illi l-ammont dovut lis-soċjetà rikorrenti mill-intimati jew minn minnhom, huwa ċert, likwidu u dovut u jirriżulta mill-invoice annessa u mmarkata bħala Dok. A.*[1]

*Ċ Talbiet*

*Għaldaqstant titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża kif ipprovdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati huma debituri tas-soċjetà rikorrenti għas-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf ħames mija u tlieta u tmenin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31) bħala ħlas għall-prodotti u/jew servizzi lill-intimati fuq inkarigu tagħhom jew min minnhom stess, inkluż imgħax, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut;*

---

[1] *A fol*. 4 sa 9 tal-proċess. Però din hija *statement* u mhux *invoice.*

3. *Tikkundanna u tordna lill-intimati jħallsu lis-soċjetà rikorrenti l-ammont minnhom dovut ta' mija u tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31).*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru li qed jiġu ppreżentati kontestwalment ma' din il-kawża, minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat in-Nota tal-konvenuti **Wayne Chetcuti, Armand Chetcuti** u **Helena Chetcuti** (minn issa "il-konvenuti") ippreżentata fid-19 ta' Jannar, 2015, biex jopponu għall-proċedura tal-giljottina, li tgħid:

*Illi permezz tagħha u ai termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponenti qegħdin jindikaw is-segwenti bażi, kemm legali kif ukoll fattwali, illi fuqha jixtiequ jattakkaw l-proċedimenti odjerni bħala li ma jgħoddux għall-każ odjern u li fuqhom jixtiequ jsejsu t-tweġiba maħlufa tagħhom għall-kawża odjerna u senjatament:*

1. *Illi preliminarjament, ir-rikors maħluf mhux ai termini ta' dak li jitlob u jeżiġi l-proviso tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċjoè huwa nieqes minn dikjarazzjoni "magħmula skont l-artikolu 156(3)" fejn is-soċjetà attriċi kellha ssegwi tassattivament is-segwenti: "jiddikjara li sa fejn jaf hu l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba: iżda wkoll, l-attur jista' wkoll jippreżenta affidavit maħluf ta' kull persuna oħra, li jkun fih fatti li għandhom x'jaqsmu mat-talba, u li jikkonferma li l-persuna tkun taf b'dawk il-fatti personalment" u għalhekk il-proċedura maħsuba fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma tistax tiġi segwita;*

2. *Illi fuq bażi preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors maħluf lanqas ma hux konformi ma dak li jipprovdi is-subinċiż tnejn (2) tal-artikolu 167 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li huwa nieqes minn "l-ordni lill-konvenut biex jidher quddiem il-qorti fil-jum u fil-ħin li jiġu mogħtija";*

3. *Illi wkoll fuq bażi preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors maħluf huwa monk u din l-Onorabbli Qorti ma tistax tilqa' it-talba għad-dispensa mis-smigħ stante li ma huwiex konformi ma' dak li jipprovdi l-artikolu 156(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li huwa nieqes minn dokumenti meħtieġa sabiex isaħħu t-talba għax ma ġew ippreżentati ebda fatturi għajr excel sheet magħmula mis-soċjetà rikorrenti u mingħajr ebda valur probatorju u ġuridiku u li lanqas fil-fażi tal-prima facie ma tinkombi ebda konvinzjoni legali;*

4. *Preliminarjament, ukoll, li l-esponent Wayne Chetcuti u Helena Chetcuti ma humiex il-leġittimi kontraditturi u dana stante li huma qatt ma kienu kredituri jew b'xi mod daħlu f'xi negozju mas-soċjetà attriċi u dan in-negozju kien ġestit b'VAT number li jgħajjat lil Armand Chetcuti u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-VAT anness u mmarkat bħala Dokument WAG1;*[2] *illi fil-fatt it-transfer tan-numru tal-VAT sar mill-esponenti lil Armand Chetcuti fit-18 t'Ottubru 2006 kif jirriżulta mill-anness dokument WAG2;*[3]

5. *Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà attriċi qatt ma interpellat lil ħadd mill-esponenti u kien biss il-mandat ta' inibizzjoni l-ewwel att li rċevew l-esponenti u mhux biss talli qatt ma ġew interpellati iżda qatt ma rċivew ebda fattura mingħand is-soċjetà attriċi;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu li xi ħadd mill-esponenti huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti għall-ebda ammont u l-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi huma eżaġerati u għandhom l-imgħax maħdum magħhom meta għadu lanqas kien hemm kundanna ħlas tas-sorte, aħseb u ara kemm tista' titlob kundanna għall-ħlas ta' imgħax fuq sorte mhux kanonizzat minn l-ebda Qorti.*

*Tant għandu l-esponent x'jissottometti għas-savju u superjuri ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.*

[2] *A fol.* 18 tal-proċess, li però hu b'effett mill-1 ta' Diċembru, 2004, bl-indirizz Mozzarella's ix-Xatt ta' Qui-si-Sana, Sliema SLM01.

[3] *A fol.* 19 tal-proċess, li hi ittra datata 18 ta' Ottubru, 2006 lill-Kummissarju tal-VAT iffirmata minn Helena u Armand Chetcuti, fejn Helena Chetcuti infurmat lill-Kummissarju tal-VAT li xtaqet tirrinunzja u tittrasferixxi n-numru tal-VAT tagħha MT1729 6304 lil Armand Chetcuti, li aċċetta.

Illi fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2015, il-Qorti wara li semgħet ix-xhieda ta' Gordon Bartoli u ta' Wayne Chetcuti u t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tagħhom, il-Qorti qieset illi l-konvenut Wayne Chetcuti għandu eċċezzjonijiet x'jintavola.

Illi fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2015, il-Qorti wara li semgħet ix-xhieda tal-konvenuti Helena Chetcuti u Armand Chetcuti u t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tagħhom, il-Qorti qieset illi anki l-konvenuti Helena Chetcuti u Armand Chetcuti għandhom eċċezzjonijiet x'jintavolaw.

Rat ir-Risposta Maħlufa ta' **Wayne Chetcuti, Armand Chetcuti** u **Helena Chetcuti** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti") ippreżentata fis-6 ta' Frar, 2015, fejn ingħad:

1. *Preliminarjament, il-konvenuti kif imħarrka ma humiex il-leġittimi kontradditturi għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk jitolbu li jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju f'din l-istanza, a spejjeż tas-soċjetà attriċi, billi minn eżami tad-dokumenti kollha esebiti mill-istess soċjetà attriċi mar-rikors ġuramentat promotorju u mill-provi għandu jirriżulta ċar u inekwivoku illi l-esponenti ma humiex responsabbli għad-debitu mitlub peress li huma (i) la qatt kellhom ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti (ii) la qatt ma kienu kredituri jew b'xi mod daħlu f'xi negozju mas-soċjetà attriċi (iii) u la qatt ordnaw xogħol mingħand l-istess soċjetà rikorrenti f'isimhom personali u dan kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, mhuwiex minnu li xi ħadd mill-esponenti huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti għal ebda ammont u dana peress illi s-soċjetà attriċi qatt ma kienet imsejħa minn ħadd mill-konvenuti*

*sabiex tforni l-materjal u/jew il-prodotti li qiegħda tirreklama pagament tagħhom f'din il-kawża u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

3. *Salv eċċezzjonijiet oħra permissibli mil-liġi;*

4. *Illi l-esponenti m'għandhomx ibatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Illi s-soċjetà attriċi, Bartoli Brothers Limited, fornitriċi ta' prodotti primarjament tal-ikel, qiegħda permezz ta' din il-kawża titlob lill-

konvenuti konjuġi Wayne u Helena Chetcuti u binhom Armand Chetcuti, il-ħlas tal-bilanċ ta' prezz dovut għall-fornitura ta' prodotti tal-ikel ipprovduti minnha lil Mozzarella's Restaurant/Pizzeria fl-ammont ta' €90,685.96 bejn it-22 ta' Jannar, 2010 sal-11 ta' Ottubru, 2010 oltre is-somma ta' €32,897.35 dovuta bħala imgħax bit-8% sat-18 ta' Diċembru, 2014 u bl-ispejjeż.

Illi min-naħa tagħhom il-konvenuti jsostnu illi huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma (i) qatt ma kellhom relazzjoni ġuridika mas-soċjetà attriċi; (ii) qatt ma kienu kredituri jew b'xi mod daħlu f'xi negozju mas-soċjetà attriċi; (iii) u qatt ma ordnaw xogħol mingħand is-soċjetà attriċi f'isimhom personali.

Illi sabiex jiġu akkolti t-talbiet attriċi huwa meħtieġ li jiġi ppruvat sal-grad probatorju rikjest mil-liġi illi (i) l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi huwa dovut u (ii) fl-eventwalità li dan hu dovut, jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit mingħand min mill-konvenuti huwa dovut l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Illi l-provi mressqa mis-soċjetà attriċi jikkonsistu bażikament fix-xhieda taż-żewġ diretturi tal-istess soċjetà attriċi, ċjoè **Gordon u Roderick**

**Bartoli** u d-dokumenti esebiti minnhom, ix-xhieda ta' ex-impjegat tal-Mozzarella's Restaurant, **Joseph Mario Galea**, ix-xhieda ta' rappreżentant tal-Bank of Valletta, **Joseph Caruana**, ix-xhieda ta' rappreżentant ta' ARMS Limited, **Reuben Bonnici**, ix-xhieda tal-*accountant* kemm tas-soċjetà attriċi kif ukoll ta' Wayne Chetcuti, **Ivor Lungaro Mifsud** u x-xhieda ta' **Dr Ann Marie Spiteri.**

**Ikkunsidrat:**

Illi **Gordon Bartoli** xehed li l-ammonti li jidhru fl-istatement[4] anness mar-Rikors Maħluf kien ħadimhom l-*accountant* tal-kumpannija. Gordon Bartoli jgħid ukoll li għall-bidu l-konsenji kien jagħmilhom hu stess, u kien imur r-ristorant Mozzarella's kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis u kienu jagħtuh l-ordnijiet Liliana Montebello mpjegata tar-ristorant Mozzarella's li kienet taħdem hemmhekk, jew il-konvenut Wayne Chetcuti u ġieli l-konvenut l-ieħor Armand Chetcuti.[5] Gordon Bartoli xehed illi peress li l-konvenuti bħala valur ta' merkanzija kienu jordnaw aktar milli kienu jħallsu għalih, il-kont baqa' tiela' sakemm is-soċjetà attriċi waqfet il-konsenji u mbagħad saru xi pagamenti oħra ta' €500 fil-ġimgħa, wara laqgħa li kellhom ma' Wayne Chetcuti u ibnu Armand, sakemm dawn il-pagamenti wkoll waqfu kompletament. Gordon Bartoli jgħid illi hu stess

[4] *A fol*. 4 sa 9 tal-proċess.
[5] *A fol.* 34 tal-proċess.

kien jgħaddi r-ristorant Mozzarella's biex jiġbor il-ħlasijiet akkont nhar tat-Tnejn. Gordon Bartoli jsemmi li meta beda tiela' l-kont mhux ħażin, Wayne Chetcuti kien serraħlu moħħu li ser jitħallas. Saħansitra kienu ltaqgħu mal-konvenuti Wayne u Armand Chetcuti flimkien mal-avukat tagħhom Dr José Herrera biex jippruvaw jirranġaw.

Illi ġie ppreżentat mis-soċjetà attriċi sett ta' fatturi maħruġin kollha fuq Mozzarella's Pizzeria[6] li jaqblu mal-*istatement* li jinsab esebit *a fol.* 4 sa 9. Dawn il-fatturi kollha hemm fuqhom in-numru tal-VAT MT1729 6304 reġistrat fuq isem il-konvenut Armand Chetcuti bin-negozju Mozzarella's.[7] Meta l-konvenut Wayne Chetcuti ppreżenta sett ta' irċevuti maħruġa mis-soċjetà attriċi lil Mozzarella's jew Mozzarella's BayStreet fl-ammont ta' €74,752.25[8], is-soċjetà attriċi ppreżentat tramite Gordon Bartoli, meta reġa' xehed fl-20 ta' April, 2016[9], *statement* komprensiv bil-ħlasijiet kollha li kienu saru, inkluż l-ammont li jagħmel riferiment għalih Wayne Chetcuti, Dok. GAB1[10], kif ukoll *breakdown* tat-*transaction history* għas-snin 2007, 2008, 2009 u 2010 separatament, kopji tal-irċevuti għall-pagamenti tal-konsenji li għamlu lil Mozzarella's ta' Baystreet, l-fatturi kollha ta' Mozzarella's BayStreet imqassmin fuq is-snin 2007, 2008, 2009, u 2010, kif ukoll biex ma jiġux konfużi magħhom, l-fatturi u l-irċevuti li kellhom ta' Mozzarella's ta' Tas-Sliema, Mink Bar u

[6] *A fol.* 60 sa 365 tal-proċess.
[7] Iċ-ċertifikat tal-VAT *a fol.* 18 tal-proċess kien ġie ppreżentat minn Wayne Chetcuti – vide nota in kalċe numru 3.
[8] *A fol.* 583 sa 605 tal-proċess.
[9] *A fol.* 618 u 619 tal-proċess.
[10] *A fol.* 629 sa 643 tal-proċess.

Fabrizio's Lounge, li dawn kienu jafuhom kollha bħala "ta' Wayne Chetcuti."[11] Minn dawn id-dokumenti, jirriżulta li veru kienu tħallsu l-ammonti li għamel riferiment għalihom Wayne Chetcuti, iżda xorta kien jifdal il-bilanċ reklamat mis-soċjetà attriċi.

Illi kwantu għal din id-dokumentazzjoni ppreżentata mis-soċjetà attriċi, l-abbli avukat difensur tal-konvenuti Helena Chetcuti u Armand Chetcuti, fit-trattazzjoni finali, ipprova jitfa' dubju fuq il-konteġġi li saru mis-soċjetà attriċi u dan billi semma li fl-*istatement* ippreżentat mis-soċjetà attriċi ma kienx hemm inkluż ħlasijiet li saru akkont u li l-konvenut Wayne Chetcuti ippreżenta l-irċevuti tagħhom, u bħala eżempju għamel riferiment għall-irċevuti *a fol.* 593 u 594, li kienu rċevuti għal pagamenti ta' merkanzija kkonsenjata lil Mozzarella's BayStreet, Paceville.

Illi filwaqt li dan huwa minnu, għandu jingħad però illi meta sar l-i*statement* li ġie anness mar-Rikors Maħluf (*a fol.* 4 sa 9 tal-proċess), dan kien jinkludi biss l-fatturi li kienu għadhom ma tħallsux u l-aħħar pagamenti mensili ta' €500 il-wieħed li kienu bdew jitħallsu u ma kinux juru ħlasijiet għall-fatturi li dakinhar kienu għalhekk kollha mħallsin u dan għax l-atturi ħasbu li l-kawża ser tinstema' bid-dispensa tas-smigħ.

Illi l-ewwel linja difensjonali tal-konvenuti minn sensiela, kienet dik xejn kredibbli li l-konvenuti lanqas biss kienu jafu lid-diretturi tas-soċjetà

[11] *A fol.* 644 sa 2031 tal-proċess.

attriċi u li ma jiftakrux li nnegozjaw mas-soċjetà attriċi. Illi meta però l-konvenuti bidlu l-linja difensjonali tagħhom, l-aħħar waħda mis-sensiela, li l-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi kienu kważi kollha mħallsin minnhom, is-soċjetà attriċi ppreżentat it-*transaction history* għas-snin 2007, 2008, 2009 u 2010 minn fejn jirriżulta li jekk jingħaddu l-ammonti tal-irċevuti ppreżentati minn Wayne Chetcuti, mhux biss dawk imsemmijin mill-konvenuti bħala eżempju (*a fol.* 593 u 594), u jitnaqqsu mill-fatturi kollha tul dawn is-snin billi jinqatgħu dejjem l-fatturi l-aktar antiki, jirriżulta li l-ammont bilanċjali li jibqa' dovut hu dak effettivament reklamat mis-soċjetà attriċi.

Illi meta xehed in kontroeżami Gordon Bartoli, il-konvenuti riedu jkunu jafu l-firem fuq il-fatturi ta' min kienu, u x-xhud wieġeb illi d-*deliveries* kienu jagħmluhom l-impjegati tiegħu u hu kien jieħu ħsieb l-ordnijiet u l-ħlasijiet. Mistoqsi ta' min kienu l-firem fuq l-*invoices* dan ix-xhud rrisponda "tagħkom" u ċjoè ta' impjegati tar-ristorant, ta' Wayne Chetcuti u l-familjari tiegħu. Finalment Gordon Bartoli jsemmi inkontru, fuq stedina ta' Wayne Chetcuti, fil-mori tal-kawża, fis-27 ta' Jannar, 2015, fejn Chetcuti pproponielu li jiltaqgħu mingħajr avukati għalkemm Chetcuti kellu l-avukat miegħu meta ltaqgħu, u hemm ipproponielu li jħallsu bir-renta ta' wieħed minn żewġ appartamenti li kien qed jibni fis-Swieqi, però x-xhud ħass li l-proposta ma kinitx aċċettabbli għax ma kellu ebda garanzija li b'hekk se jitħallas.

Illi f'affidavit li għamel l-istess Gordon Bartoli[12], dan jgħid illi kemm hu u kemm l-impjegati ta' Mozzarella's kienu jafu lil Wayne u Armand Chetcuti bħala s-sidien tar-ristorant u fil-fatt kien jitħallas mingħandhom. Isemmi okkażjoni meta Wayne Chetcuti kien ippropona li hu u ħuh Roderick Bartoli jieħdu t-titolu tal-kera li kellu fuq l-bini fejn kien hemm Mozzarella's Tas-Sliema u jbigħilhom l-avvjament tiegħu. Isemmi li meta l-bilanċ dovut ta' Mozzarella's kien tela' ħafna u waqfu jissupplixxuh b'aktar prodotti, kienu ltaqgħu l-Mozzarella's, iżda meta hu ma aċċettax offerta ta' €500 fil-ġimgħa, Wayne Chetcuti kien aggredih. Gordon Bartoli kien tella' lil Wayne Chetcuti l-Qorti, u peress li Chetcuti kien skuża ruħu, huwa kien ħafirlu. Wayne Chetcuti kien dejjem jitolbu jagħtih iktar żmien biex iħallas u qal li kienet sorpriża għalih li fil-Qorti Wayne Chetcuti ddikjara li qatt ma għamel negozju mas-soċjetà attriċi.

Illi fl-affidavit tiegħu **Roderick Bartoli**[13], ħu Gordon Bartoli, jgħid li fi żmien li hu kien jieħu ħsieb is-*supplies* lil Mozzarella's Tas-Sliema, kien jittratta dejjem ma' Wayne Chetcuti bħala sid ir-ristorant. F'dak iż-żmien huwa kien jieħu ħsieb jiġbor il-flus u kien jiddilja l-aktar ma' Wayne Chetcuti. Jikkonferma dak li semma ħuh dwar l-offerta ta' Wayne Chetcuti biex ibigħilhom il-Mozzarella's Tas-Sliema. Ikompli jgħid li meta ħuh kien ikun imsiefer, kien hu li jmur biex jiġbor il-flus il-Mozzarella's BayStreeet dejjem mingħand Wayne Chetcuti u hemm kien jafu bħala s-sid.

[12] *A fol.* 485 sa 487 tal-proċess.
[13] *A fol.* 488 u 489 tal-proċess.

Illi s-soċjetà attriċi ppreżentat l-affidavit ta' **Joseph Mario Galea**, li kien impjegat ta' Mozzarella's Restaurant għal seba' snin. Kien intervistah u impjegah Wayne Chetcuti. Jgħid li peress Wayne, Helena u Armand Chetcuti ma tantx kienu jkunu fir-ristorant, kien hemm Liliana Montebello, impjegata bħalu u oħrajn li jmexxu r-ristorant minn ġurnata għal oħra però meta kien ikun hemm problemi kienu jċemplu lil Wayne jew lil Armand Chetcuti. Jgħid li ċ-ċavetta tas-*safety deposit box* fejn kienu jħallu l-qligħ ta' kuljum f'*envelope* fiha, kienet f'idejn kemm Wayne u kemm Armand Chetcuti u rahom hu stess lit-tnejn li huma diversi drabi jieħdu l-*cash* li kien ikun hemm.

Illi però dan ix-xhud sussegwentement ippreżenta affidavit ieħor[14] biex jispjega li l-ewwel affidavit li kien għamel kien ħadu jagħmlu Roderick Bartoli għand nutara Bormla, sar malajr u ma tawhx kopja tiegħu. Issa li kellu kopja tal-ewwel affidavit, ried jiċċara xi ineżattezzi, fosthom li qatt ma ra lil Wayne u Armand Chetcuri jieħdu l-flus mis-*safe* u ma jafx jekk dawn kellhomx ċavetta. Skont dan ix-xhud kien imexxi l-post Wayne Chetcuti u mhux it-tifel tiegħu Armand ukoll u għamel aċċenn għal affarijiet oħrajn li mhux ta' tant rilevanza għall-vertenza odjerna.

Illi meta però x-xhud **Joseph Mario Galea** xehed *viva voce,* ikkonferma illi l-verità kienet kif kien spjegaha fl-ewwel affidavit u stqarr li għamel it-tieni affidavit għax Wayne Chetcuti kien mar il-kafetterija tiegħu jgħajjat

[14] *A fol.* 615 sa 617 tal-proċess.

ma' martu Helena u heddu u qal illi kellu jagħmel it-tieni affidavit għax jibża' minn Wayne Chetcuti.

Illi s-soċjetà attriċi tellgħet bħala xhud lil **Dr Ann Marie Spiteri**[15] li kienet ippreparat l-ewwel affidavit tax-xhud, fejn ikkonfermat bil-ġurament illi kien sar kollox b'mod regolari u niżżlet biss dak li kien jiftakar u qalilha x-xhud Joseph Mario Galea.

llli **Joseph Caruana**, rappreżentat tal-Bank of Valletta, xehed illi l-*account* ta' Mozzarella qiegħed reġistrat fuq il-konvenut Armand Chetcuti.[16]

Illi r-rappreżentant tas-soċjetà ARMS Limited, **Reuben Bonnici,** xehed illi fir-rigward ta' Mozzarella's Tas-Sliema, l-*istatement* għall-ħlas tal-kont tad-dawl u l-ilma tar-ristorant Tas-Sliema kien reġistrat fuq Wayne Chetcuti, però ma kellu xejn fuq Mozzarella ta' BayStreet.

Illi xehed ukoll l-*accountant* **Ivor Lungaro Mifsud,** li għamel żmien *accountant* ta' Mozzarella's Restaurant, li qal illi jaf li kien jagħmel dan ix-xogħol għal Wayne u Armand Chetcuti. Illi meta ttella' jixhed it-tieni darba, dan ix-xhud spjega li kien ukoll għal xi żmien *accountant* tas-soċjetà attriċi u għamel żmien *accountant* tal-business ta' Wayne Chetcuti li jirrigwardja l-istabbilimenti tal-Mozzarella's u tal-Mink.[17]

[15] A fol. 2082 tal-proċess.
[16] *A fol.* 510 tal-proċess.
[17] *A fol* 514 tal-proċess.

Illi fl-aħħar nett is-soċjetà attriċi ppreżentat ukoll fost dokumenti oħrajn, kopja ta' sentenza fl-ismijiet **Alfred Falzon Sant Manduca *noe. vs.* Wayne Chetcuti taħt l-ismijiet kummerċjali Mink Lounge, Mozzarella's Sliema u Mozzarella's Bay Street**[18] fejn Chetcuti kien ġie kkundannat iħallas għal xogħol ikkonsenjat lil dawn l-istabbilimenti. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati[19] fl-ismijiet **Red October Co. Limited *vs.* Wayne Chetcuti personalment u għan-nom u in rappresentanza ta' Mozzarella Restaurant,** fejn Chetcuti kien ġie kkundannat iħallas għal merkanzija kkonsenjata lil Mozzarella Restaurant. Ġiet esebita wkoll ittra ta' Helena u Armand Chetcuti datata 2 ta' Ottubru, 2012[20] lis-soċjetà attriċi fejn Helena Chetcuti tallega li bejnha u bejn żewġha hemm is-seprarazzjoni tal-beni u li hi ma għandha x'taqsam xejn ma' Mozzarella Restaurant u li hemmhekk Armand Chetcuti kien biss xi kultant jgħin lil missieru. Fl-aħħar ġew esebiti diversi estratti ta' xhieda li kien ta Wayne Chetcuti[21] fil-kawża fl-ismijiet **Alexander Grech *et. vs.* Mamma Mia Co. Ltd. *et.*** (li wara sar Mozzarella's), fejn f'mument minnhom jgħid li r-ristorant kienet tmexxih Helena Chetcuti u wara ibnu Armand imma mhux hu u li bejnu u martu hemm is-separazzjoni tal-beni u l-impjegati tar-ristorant huma tal-mara tiegħu.[22] Sussegwentement in kontroeżami jgħid li r-ristorant huwa tiegħu u joperah hu però f'isem il-mara tiegħu, iżda kien hu li kera r-ristorant mingħand ħaddieħor.[23]

---

[18] Datata 27 ta' Settembru, 2013.
[19] Datata 3 ta' Mejju, 2013.
[20] *A fol.* 557 tal-proċess.
[21] *A fol*. 559 tal-proċess.
[22] *A fol*. 561 tal-proċess.
[23] *A fol*. 565 tal-proċess.

Meta xehed f'din il-kawża **Wayne Chetcuti** għall-ewwel qal li hu u l-mara tiegħu ma kellhomx x'jaqsmu mal-Mozzarella's, dejjem ta' BayStreet għax ta' Tas-Sliema kien dak iż-żmien diġà magħluq. In kontroeżami Wayne Chetcuti jgħid illi hu kellu x'jaqsam mal-Mozzarella Restaurant biss bħala 'konsulent'. Dan ix-xhud beda deliberatament jipprevarika u jekwivoka meta mistoqsi min kien imexxih ir-ristorant u beda jidħol fi spjegazzjonijiet inutili dwar *back of house, kitchen staff, front of house,* fejn imbagħad qal li hawn kellu x'jaqsam xi ftit, eċċ. Isemmi li wara li fl-2006 r-reġistrazzjoni tal-VAT relattiva għar-ristorant għaddiet minn fuq isem il-mara tiegħu Helena għal fuq isem it-tifel tiegħu Armand, jgħid li "ma bqajnix aħna".[24] Ma weġibx meta konfrontat bl-ittra hawn fuq imsemmija ta' Helena u Armand Chetcuti tal-2 ta' Ottubru, 2012[25] li tgħid l-oppost ta' dak li kien qed jixhed. Wayne Chetcuti saħansitra jgħid li għad li jaf lil Gordon Bartoli u li darba ġew fl-idejn, huwa qatt ma għamel negozju miegħu u n-negozju li kien għamel Gordon Bartoli kien ma' Liliana Montebello, li allega li llum taħdem mal-istess Gordon Bartoli. Però mistoqsi ma' min kienet taħdem qabel, Wayne Chetcuti qal li Liliana Montebello "kienet impjegata miegħi"[26] u fl-istess nifs jgħid li ma jafx x'kien jinxtara mingħand Gordon Bartoli jew mingħand is-soċjetà attriċi.

[24] *A fol*. 23 tal-proċess.
[25] *A fol.* 557 tal-proċess.
[26] *A fol*. 29 tal-proċess.

Illi fl-affidavit li ppreżenta Wayne Chetcuti[27] jerġa' jtenni li kien jokkupa l-kariga ta' 'konsulent' ġewwa l-Mozzarella's ta' Tas-Sliema, li kienet maqsuma f'ħames sezzjonijiet, waħda minnhom il-*purchasing section.* Hu però jgħid: "Jien ħallejt ir-*running* tal-*business* f'idejn nies li huma kompetenti..." Jgħid ukoll li Gordon Bartoli qatt tkellem miegħu, mal-mara jew mat-tifel tiegħu fuq konsenji jew ħlas. Anki f'dan l-affidavit Wayne Chetcuti beda jipprevarika bħal meta qal b'riferiment għall-affidavit ta' Gordon Bartoli dwar l-offerta li jbigħlu l-Mozzarella Tas-Sliema, li ma jiftakarx jekk kellmux lil Bartoli dwar il-bejgħ tal-*business* Tas-Sliema, bħalma kien kellem lil ħaddieħor, però jgħid li żgur ma tkellmux f'kuntest ta' tpartit ta' djun miegħu. Wayne Chetcuti jinnega li qatt kellu xi laqgħat mal-aħwa Bartoli fuq ħlas ta' djun u ma jaf xejn fuq dan id-dejn, però jammetti stranament li darba ltaqa' mal-aħwa Bartoli flimkien mal-avukat tiegħu, dwar il-pretensjonijiet tagħhom.

Illi fl-affidavit tiegħu Wayne Chetcuti jittenta jiġġustifika ruħu li ma kienx jaf b'dan id-dejn għax l-aħwa Bartoli kienu jittrattaw ma' Liliana Montebello li kienet, kif qal qabel, impjegata tiegħu. Jipprova jiġġustifika l-fatt li l-aħwa Bartoli kienu rawh fil-Mozzarella's għax hu kultant kien ikun preżenti, però dejjem bħala 'konsulent'.

[27] *A fol*. 580 sa 582 tal-proċess.

Illi lejn l-aħħar tal-affidavit tiegħu[28] Wayne Chetcuti però jikkonferma li biex jara x'kienu l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi, "għal dan il-għan jien mort niċċekkja f'diversi *stores* tiegħi fejn sibt l-irċevuti...". Kwantu għall-irċevuti, għandu jingħad li sussegwentment is-soċjetà attriċi ppreżentat l-irċevuti kollha li kellha biex qabblithom mal-bilanċ dovut.

Fl-aħħar nett in kontroeżami mistoqsi dwar l-*history sheet* tal-konsenji u ħlas, il-konvenut Wayne Chetcuti sempliċement jgħid li dawn jista' anki jagħmilhom tifel tal-iskola u hu qatt ma kellu *business* mas-soċjetà attriċi għax kien hemm dipartiment tal-Mozzarella's li kien jieħu ħsieb hu.[29]

Illi għad-domanda: "Naqblu li Bartoli Brothers kienu jġibulkom ix-xogħol"[30], Wayne Chetcuti wieġeb fl-affermattiv. Ikkonferma li kienet saret il-laqgħa fil-preżenza tal-avukat tiegħu Dr José Herrera, però ma jiftakarx jekk attendiex ukoll it-tifel tiegħu Armand. Mistoqsi mill-Qorti għalfejn kien attenda għal dak il-*meeting* meta skont hu ma kellu ebda negozju ma' Bartoli, Wayne Chetcuti wieġeb li huwa kien attenda għal dan il-*meeting* biex jara x'kellhom jgħidu Bartoli. Meta l-Qorti staqsietu[31]: "Int taf li kellek tagħti lill-kumpannija Bartoli? Hu wieġeb: "Le xejn. Sal-aħħar ma kellna nagħtuh xejn." Però l-Qorti staqsietu eżatt wara: "Ma tafx għax kien jieħu ħsieb ħaddieħor u mhux int?" Hu wieġeb "Ovvjament". Però Wayne Chetcuti xorta ma tellax lil dan il-ħaddieħor

[28] *A fol.*582 tal-proċess.
[29] *A fol*. 2058 tal-proċess.
[30] *A fol*. 2059 tal-proċess.
[31] *A fol*. 2061 tal-proċess.

biex jispjega. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ivverifika qabel ma mar għall-*meeting* mal-*accounts department* jekk kienx hemm pendenzi ma' Bartoli, Chetcuti ħarab mid-domanda billi qal li dak iż-żmien ma kellux *accounts department* u meta l-Qorti staqsietu jekk kienx għalhekk li ma marx ippreparat għal dan il-*meeting,* Wayne Chetcuti jerġa' jgħid "Sa fejn konna nafu aħna kien kollox imħallas..."

Ikkonfrontat b'dak li kien xehed Joseph Mario Galea, Wayne Chetcuti jgħid illi mar jitkellem miegħu meta qara l-ewwel affidavit tiegħu u dan qallu li kien ġie sfurzat jagħmel dak l-affidavit. It-tieni affidavit li għamel ix-xhud Joseph Mario Galea, Wayne Chetcuti jgħid illi huwa ma kienx sfurzah biex jagħmlu u lanqas ma mar miegħu biex għamlu.

Illi għar-rigward tal-*accounts,* Wayne Chetcuti jgħid li hemmhekk kellu problema għax kienu qabdu nies li ttraskuraw ix-xogħol u mistoqsi mill-Qorti jekk kienx għalhekk li ma ħallsux lil Bartoli[32], wieġeb li le, u qal li mal-*accountants* kellhom problema biex jlestu l-*annual returns*. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ċert li ma kellhom xejn x'iħallsu lil Bartoli meta ma kien jaf xejn dwar dettalji ta' konsenji[33], wieġeb li le u qal ukoll li dawn id-domandi kellhom isiru lid-dipartiment ikkonċernat għax in-negozju tiegħu kien qisu dipartiment tal-Gvern, kulħadd jieħu ħsieb xogħlu u hu kien qisu direttur għax kellu biss jieħu ħsieb *overall.*

[32] *A fol*. 2065 tal-proċess.
[33] *Ibid.*

Illi l-konvenuta **Helena Chetcuti** meta xehdet l-ewwel darba fl-udjenza tat-2 ta' Frar, 2015, wieġbet li hi kienet mara tad-dar u ma taf xejn dwar dawn l-ammonti mitluba mis-soċjetà attriċi. Ammettiet li kellha r-reġistrazzjoni tal-VAT tal-Mozzarella's Tas-Sliema fuq isimha, iżda qatt ma kellha x'taqsam mal-*business,* lanqas mal-impjegati. Qalet ukoll li qatt ma ġiet il-Qorti u t-tweġibiet kienet tħallihom (anki f'isimha) f'idejn żewġha Wayne Chetcuti. Mistoqsija dwar l-ittra li bagħtet fit-2 ta' Ottubru, 2012, tgħid "jekk intbagħtet f'ismi intbagħtet f'ismi, ma jfissirx li għamiltha jien."[34]

F'affidavit[35] li għamlet, Helena Chetcuti tgħid li qatt ma kellha kuntatti mal-aħwa Bartoli u dak iż-żmien kienet qed issegwi kors l-Università. Issemmi li l-VAT kien fuq isimha biss meta dan ġie trasferit fuq it-tifel Armand. Tgħid li tifhem għaliex Bartoli qegħdin jittentaw idaħħlu lilha fil-kwistjoni, biex jippruvaw jagħmlu mandat fuq l-assi personali tagħha. Tgħid fl-affidavit testwalment "Illi da parti tiegħi la qatt kelli relazzjoni ġuridika mas-soċjetà Bartoli Brothers ...." u tgħid ukoll lanqas taf min huma l-impjegati tal-Mozzarella's. Ippreżentat kuntratt fejn kienet ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejnha u bejn ir-raġel Wayne Chetcuti, datat 17 ta' Frar, 1998.[36]

[34] *A fol*. 50 tal-proċess.
[35] *A fol*. 608 tal-proċess.
[36] *A fol*. 610 sa 614 tal-proċess.

Illi in kontroeżami Helena Chetcuti wieġbet li lanqas taf fejn hu l-uffiċju tar-raġel tagħha. Tgħid li hi dejjem ħadmet għal rasha u kellha l-flus tagħha. Qatt ma tkellmet ma' żewġha dwar il-*business* tiegħu u fi 28 sena ta' żwieġ, hija ma kienet taf xejn fuq in-negozju tar-raġel. Qalet li wara li żżewġet hija kienet baqgħet id-dar tieħu ħsieb it-tfal.

Illi l-konvenut **Armand Chetcuti**[37] xehed illi huwa ma jaf xejn dwar dawn id-djun, dwar dan il-*business,* dwar min hija s-soċjetà attriċi u wieġeb fl-affermattiv biss għal domanda waħda, li n-negozju kien jidher fuqu għal raġunijiet ta' VAT, fejn qal "jekk int qed tgħid li l-VAT number kien qiegħed użat nimmaġina li ovvjament". Hu jgħid li ma jaf assolutament xejn u illi Mozzarella's Pizzeria BayStreet hija ta' Wayne Chetcuti. Aktar minn hekk ma jaf b'xejn, lanqas bir-risposti bil-miktub illi ġew ippreżentati l-Qorti għan-nom tiegħu. La jaf b'laqgħat li saru mal-Avukat Herrera, la ittri li nkitbu anki għan-nom tiegħu fejn jingħad li hu kien biss jgħin lil missieru l-Mozzarella. Armand Chetcuti jgħid ukoll li hu għandu ħanut tiegħu tal-istampar u qatt ma kien ikun il-Mozzarella's. Waqt il-kontroeżami, mistoqsi jekk kienx jaf lil xi ħadd Liliana Montebello, l-ewwel jgħid li din kienet is-segretarja, però wara jgħid li qatt ma ltaqa' magħha u ma jafx kif jaf li hi segretarja.[38]

Illi in kontroeżami ukoll, ikkonfrontat bir-*registration form* tal-Bank of Valletta biex infetaħ kont f'ismu għar-rigward tal-Mozzarella's, Armand

[37] *A fol. 52 tal-proċess.*
[38] *Vide fol*. 55C u 55D tal-proċess.

Chetcuti jgħid li ma jafx din x'kienet. Jaqbel li l-firma u d-dettalji huma tiegħu, iżda ma jafx din il-formola għal xiex kienet.[39] Anki meta intwera li minn dan il-kont kienu ttieħdu flus biex jinxtraw ħwejjeġ għall-użu personali, innega li kien jaf xi ħaġa dwarhom.

Illi l-konvenuti ppreżentaw ukoll affidavit ta' **Kevin Schembri**[40] fejn dan jgħid li huwa jaħdem ma' Regina Cafè Malta Limited u kien għamel konsenji lil Mozzarella's ta' Bay Street fl-2009 u dejjem ittratta ma' ċerta Liliana Montebello u dejjem tħallas tal-konsenji. Jaf lil Wayne Chetcuti bħala l-proprjetarju tal-istabbiliment Mozzarella's. Iżda in kontroeżami jammetti li l-konsenji tiegħu kienu relattivament żgħar, ta' kull ħmistax jew aktar.

Illi l-konvenuti ppreżentaw ukoll affidavit ta' **Brian Paul Mizzi** li jaħdem mal-General Soft Drinks, li jgħid li l-ordnijiet kienet tagħmilhom Liliana Montebello u li huma dejjem tħallsu tagħhom. Il-konvenuti ppreżentaw ukoll affidavit ta' **Mark Scerri** li kien jokkupa l-kariga ta' *chef* ma' Mozzarella's ta' Bay Strret. Jgħid li jaf lil Liliana Montebello bħala segretarja u kien jgħid lilha x'kien ikollu bżonn għar-ristorant biex tieħu ħsieb ix-xiri tagħhom. Jgħid ukoll li ma jafx li Helen Chetcuti qatt kellha x'taqsam mar-ristorant.

[39] *A fol*. 2094 tal-proċess.
[40] *A fol*. 619B tal-proċess.

## Kunsiderazzjonijiet legali

Illi l-Qorti trid tiddetermina u finalment taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi teżamina l-provi imressqin fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[41], li dak li qed jallega jrid jipprova dak allegat minnu, jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-provi li ġew prodotti l-Qorti tinsab konvinta sal-grad probatorju rikjest mil-liġi illi l-bilanċ fis-somma ta' €90,685.96 huwa dovut. Is-soċjetà attriċi esebiet l-fatturi kollha u l-i*statement* tal-pagamenti li kienu saru akkont. L-irċevuti li l-konvenut Wayne Chetcuti sab f'daqqa waħda u li kienu evidenza ta' ħlas, jikkombaċjaw mal-*istatements* tas-soċjetà attriċi u l-Qorti għalhekk tqis li għandu jitħallas l-ammont mitlub fir-Rikors Maħluf, apparti l-imgħaxijiet kummerċjali.

Illi l-konvenuti Helena Chetcuti u Armand Chetcuti bl-ebda mod ma setgħu jikkontrastaw l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi permezz tar-Rikors Maħluf, għax huma jsostnu li ma kienu jafu b'xejn u qatt ma daħlu fin-negozju tal-Mozzarella's u allura ma setgħux jikkontestaw l-ammont inkwistjoni. Min-naħa tal-konvenut Wayne Chetcuti, dan jittenta jitfa'

---

[41] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe* *vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A.,19.01.2015.

ombra ta' dubju fuq dawn it-trasazzjonijiet billi qal li dawn kienu ammonti wisq għoljin u pprova jiżra' wkoll is-suspett li kien hemm xi tip ta' kollużjoni ma' Liliana Montebello, impjegata tar-ristorant, billi Wayne Chetcuti kien jaf li xi żmien wara Liliana Montebello spiċċat impjegata mas-soċjetà attriċi. Però kif ingħad, min jallega jrid jipprova u apparti din l-insinwazzjoni ma tressqu ebda prova f'dan ir-rigward mill-konvenuti. Anzi l-konvenut Wayne Chetcuti ammetta illi dak iż-żmien kien hemm problema bl-*accountants* traskurati li kellhom. Meta ġie mistoqsi mill-Qorti jekk ir-raġuni għala ma kienx jaf jekk l-ammont hux dovut għax kien ħalla f'idejn ħaddieħor, il-konvenut Wayne Chetcuti wieġeb "ovvjament". Għaldaqstant din il-Qorti tara t-tentattiv tiegħu li jibqa' jinsisti li ma kien hemm ebda bilanċ dovut bħala wieħed għalkollox fieragħ u qarrieq. Il-konvenut Wayne Chetcuti kellu kull possibbiltà illi kif ressaq il-prova tal-ħlasijiet akkont li kienu saru, li jressaq ukoll il-prova tal-ħlas tal-bilanċ mitlub permezz ta' rċevuti jew mod ieħor. Dan ma għamlux u għalhekk il-Qorti tqis illi l-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi huwa ċertament dovut.

Inkwantu għall-imgħax, jingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti (P.A.(JRM)) fl-ismijiet **Muscat *et vs.* Radmilli *et.***[42] illi:

> "Il-liġi tgħid ċar li fejn l-obbligazzjoni jkollha bħala oġġett il-ħlas ta' somma flus determinata, id-danni jiġu mid-dewmien tal-eżekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma maħduma bir-rata

[42] 03.10.2002.

tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm għalfejn l-kreditur jipprova li bata xi telf minħabba d-dewmien."

F'dak il-każ, id-dejn kien ta' natura kummerċjali u allura l-Qorti kompliet tgħid illi:

"jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju, u b'effett minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq".[43]

Għaldaqstant, stante li t-tranżazzjonijiet mertu tal-kawża odjerna kienu ta' natura kummerċjali, hu korrett li jingħad li l-imgħax dovut hu dovut *ipso lege* u l-Qorti, f'każ li tikkonkludi illi l-ammont hu effettivament dovut mill-konvenuti jew minn min minnhom, dawn ikollhom iħallsu l-imgħax kummerċjali fuq kull transazzjoni mid-data ta' kull konsenja skont l-i*statement* anness mar-Rikors Maħluf *a fol.* 4 sa 9 tal-proċess (dokument A) bit-8 fil-mija, sal-effettiv pagament.

Illi kwantu għat-tieni kweżit u ċjoè jekk l-ammont hux dovut mill-konvenuti jew minn uħud minnhom, ċjoè jekk il-konvenuti humiex leġittimi kontradittur jew le, il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo *et. vs.* Jason Azzopardi *et.***[44] dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet illi:

[43] *Vide* ukoll f'dan is-sens P.A., **Arthur Briffa *et. vs*. Carmelo Farrugia *et.,*** 26.03.2013.
[44] Q.A., 05.10.2001.

"Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, l-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.

Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.

Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawża jirriżulta għal kollox estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata."

Illi mill-provi li tressqu mis-soċjetà attriċi u *in parte* anki mill-istess konvenuti, jirriżulta li r-ristorant inkwistjoni li kellu d-djun kif ġie stabbilit fl-ewwel parti ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, bħala negozju kien jappartjeni lil Wayne Chetcuti. Ma hemm ebda dubju mill-provi sottomessi inkluż mit-tweġibiet tal-konvenut Wayne Chetcuti, li hu kien l-operatur tal-istabbiliment Mozzarella's, irrispettivament minn jekk ir-

reġistrazzjoni tal-VAT għall-imsemmi negozju kinitx fuq ibnu Armand Chetcuti.

Illi l-Qorti bl-ebda mod ma tiddubita mix-xhieda veritjera tal-aħwa Bartoli, għal kuntrarju tax-xhieda tal-konvenut ta' Wayne Chetcuti li saħansitra pprova jbeżża' xhud u jġiegħlu jbiddel il-verżjoni tiegħu tal-fatti, liema xhieda ta' Wayne Chetcuti l-Qorti tqis li hija miżgħuda bil-kontradizzjonijiet, li mhijiex kredibbli u affidabbli. Mill-provi li tressqu mill-aħwa Bartoli, jirriżulta li n-negozju ta' Mozzarella's BayStreet effettivament kien ta' Wayne Chetcuti.

Illi f'dan il-każ jirriżulta biċ-ċar li l-kontrattazzjonijiet f'dan in-negozju kienu jsiru għan-nom tas-sid tal-istabbiliment, ċjoè Wayne Chetcuti. Fl-aħħar mill-aħħar irid jitqies jekk f'dan in-negozju kinux jipparteċipaw ukoll iben u mart Wayne Chetcuti u jekk fl-affermattiv għandhomx dawn jitqiesu responsabbli wkoll għat-telf u djun daqskemm kienu jgawdu fil-qligħ.

Illi mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin. Anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Kif ingħad fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[45]

Illi l-istrataġemmi adoperati mill-konvenut Wayne Chetcuti u l-falsitajiet li rrikorra għalihom bl-iskop li jaħrab mid-dejn tar-ristorant tiegħu, huma aktar minn evidenti mid-dikjarazzjonijiet konfliġġenti kontinwi tiegħu minkejja li kien taħt ġurament.

Illi bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut**[46] irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfiliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi

---

[45] **Carmelo Farrugia *vs*. Rokku Farrugia**, P.A., 24 ta' Novembru, 1966 per Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[46] 02.06.2003.

korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[47]

Il-Qorti tqis illi dak li xehed il-konvenut Wayne Chetcuti assolutament ma kien xejn kredibbli u l-uniku verżjoni li tista' toqgħod fuqha hi dik tas-soċjetà attriċi. Imbilli l-konvenut Wayne Chetcuti jipprova jisħaq illi kienu impjegati tiegħu li jmexxu l-istabbiliment inkwistjoni, ma jiswa assolutament xejn, għax dawn l-impjegati kienu ovvjament imexxu n-negozju għan-nom tas-sid tan-negozju, Wayne Chetcuti. Il-konvenut Wayne Chetcuti donnu jipprova jippunta subgħajh lejn is-segretarja/ *manager* tiegħu li kienet tieħu ħsieb il-konsenji, Liliana Montebello. Ix-xhieda ta' Mark Scerri, ix-*chef* tal-istabbiliment inkwistjoni, prodott mill-konvenuti, iktar iddgħajjef il-pożizzjoni ta' Wayne Chetcuti milli jiġġjovaha, u dan għax l-imsemmi xhud jgħid kif Liliana Montebello kienet effettivament tixtri li kien jgħidilha ic-*chef* skont il-bżonnijiet tar-ristorant, bil-qligħ li kien isir mir-ristorant kien ovvjament imur għand is-sid l-istabbiliment, Wayne Chetcuti.

Illi kif ġie ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna:

"Indubbjament, ir-rappreżentanza tikkonsisti f'dik is-setgħa in virtù ta' liema wieħed hu leġittimat li jaġixxi fl-isem u fl-interess ta' ħaddiehor, b'mod li l-att negozjali tiegħu jkollu effett immedjat fil-konfront ta' dan ħaddiehor u jaqa' fi jew fuq il-patrimonju tiegħu. Essenzjalment, allura, tali att jassumi karattru vinkolanti tar-rapport ġuridiku instawrat fl-interess tat-terz. Dan joħrog ċar ukoll

[47] P.A., 09.12.2011 **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***

mill-istitut tal-mandat taħt il-Kodiċi Ċivili. Hi però wkoll disposizzjoni espliċita ta' dan l-istess istitut illi "meta l-mandatarju jkun aġixxa fl-isem tiegħu nnifsu, il-mandant m'għandux azzjoni kontra dawk li magħhom il-mandatarju jkun ikkuntratta, u lanqas dawn ma għandhom azzjoni kontra l-mandant." [subinċis (1) ta l-Artikolu 1871]. Jissokta jiġi ppreċizat iżda, skont is-subinċiz (2) illi "f'dan il-każ il-mandatarju hu obbligat direttament lejn il-persuna li magħha kkuntratta daqs li kieku l-affari kienet tiegħu nnifsu". Ara Kollez. **Vol. XXIII, P. I, p. 173** u **Vol. XL, P. I, p..280** għall-interpretazzjoni fuq din id-disposizzjoni."[48]

Illi fil-kawża odjerna ma jinsorġi ebda dubju li Liliana Montebello fil-kontratazzjonijiet li kienet tagħmel waqt ix-xogħol tagħha ma' Mozzarella's kienet taġixxi bħala impjegata ta' sid ir-ristorant. Imma kien jinkombi fuq il-konvenut Wayne Chetcuti li jipprova li Liliana Montebello ma aġixxietx f'ismu bħala s-sid tan-negozju stante li kien hu li allega ossija insinwa dan, xi ħaġa li spiċċa ma għamilx.

Illi ladarba ġie stabbilit li l-konvenut Wayne Chetcuti kien responsabbli għall-konsenji u kwindi għad-debitu ta' Mozzarella's, jonqos li jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi ħaddieħor mill-familja Chetcuti li wkoll kien parteċipi f'din l-intrapriża tar-ristorant Mozzarella's.

Illi qabelxejn jeħtieġ li jiġi ppreċiżat li huwa assolutament skorret meta l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jgħidu li l-*invoices* lanqas għandhom il-VAT number jew prova ta' min hu l-VAT number. Fil-fatt jirriżulta li l-*invoices* kollha kellhom il-VAT number 1729 6304 li skont id-dokument esebit a *fol.* 18 huwa ta' Armand Chetcuti. Mill-provi

[48] P.A. **Burmarrad Commericials Limited *vs*. Desmond Mizzi *et.*** datata 28.02.2007.

jirriżulta wkoll li kien infetaħ kont bankarju tar-ristorant mal-Bank of Valletta fuq isem Armand Chetcuti bil-firma tiegħu. Jirriżulta mill-provi ppreżentati mill-aħwa Bartoli li kienu kkuntrattaw ma' Armand Chetcuti wkoll bħala sid in-negozju, minbarra ma' missieru.

Tqis illi x-xhieda tal-konvenut Armand Chetcuti assolutament mhijiex kredibbli meta jgħid li hu qatt ma kien ikun fl-istabbiliment inkwistjoni. Illi mill-provi prodotti jirriżulta li Armand Chetcuti kien ikun fl-istabbiliment bħal missieru u mid-dokumenti li ġew esebiti jirriżulta li dan ukoll kellu l-kontroll effettiv tar-ristorant bħal missieru.

Illi madankollu ma jistax jingħad l-istess fir-rigward tal-konvenuta Helena Chetcuti, mart il-konvenut Wayne Chetcuti. Il-Qorti tabilħaqq għandha dubji kbar dwar kemm hija veritjera u affidabbli x-xhieda ta' Helena Chetcuti. Madankollu in vista li s-separazzjoni tal-beni bejn Helena Chetcuti u żewġha Wayne Chetcuti saret fl-1998 u mhux ftit xhur biss 'il bogħod minn meta ġew intavolati dawn il-proċeduri, f'liema każ dan seta' jkun indikattiv li s-separazzjoni tal-beni saret sabiex Helena Chetcuti tinħeles mid-djun tar-raġel tagħha mertu ta' din il-vertenza, ma tresqet ebda prova da parti tas-soċjetà attriċi li Helena Chetcuti kellha x'taqsam mar-ristorant Mozzarella's għall-anqas wara t-2006 meta kienet ittrasferit ir-reġistrazzjoni tal-VAT fuq it-tifel Armand. Il-Qorti tqis illi x-xhieda ta' Helena Chetcuti assolutament mhijiex kredibbli, l-aktar meta stqarret li ma kienet taf xejn dwar in-negozju tar-raġel tagħha u li lanqas

biss kienet taf fejn jinsab l-uffiċċju tiegħu. Però kif diġà ngħad, *incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u inoltre li:

> "il-ġudikant fil-kamp ċivili għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex u mhux fuq is-sempliċi possibbilitajiet: imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabbilitajiet (**E. Zammit *vs.* E. Petrococchino** - Appell - 25 ta' Frar, 1952)."

> "F'kawżi ċivili l-attur li jallega li xi ħaġa ġratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jġibx din il-prova l-azzjoni tiegħu ma jistax ikollha eżitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - għaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-inċident ikun ġara tort tal-attur. Dan mhux għaliex it-tort għall-inċident ikun tal-attur imma sempliċement għaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bħala bażi tal-azzjoni tiegħu" (Dr. H. Lenicher *vs.* J. Camilleri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju, 1972 per Onor. Imħallef Riccardo Farrugia).

Hekk ukoll fil-kawża odjerna, filwaqt li l-Qorti mhijiex qed teskludi illi seta' jagħti l-fatt li Helena Chetcuti ppartеċipat fil-qligħ tar-ristorant Mozzarella's, is-soċjetà attriċi ma irnexxilix tipprova dan sal-grad probatorju li tirrikjedi l-liġi.

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(1) Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti ħlief dik dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-konvenuta Helena Chetcuti u s-soċjetà attriċi;**

**(2) Tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta Helena Chetcuti dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u s-soċjetà attriċi u għalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;**

**(3) Tilqa' t-tieni talba attriċi u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenuti Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti huma debituri *in solidum* bejniethom tas-soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited fis-somma ta' disgħin elf, sitt mija u ħamsa u tmenin euro u sitta u disgħin ċenteżmu (€90,685.96), bl-imgħax ta' tmienja fil-mija mid-data ta' kull tranżazzjoni, li sat-18 ta' Diċembru, 2014 kien jammonta għal €32,897.35 u bl-imgħax ulterjuri wara dik id-data sad-data tal-pagament effettiv;**

**(4) Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna u tordna lill-konvenuti Wayne Chetcuti u lil Armand Chetcuti biex *in***

> ***solidum* bejniethom iħallsu lis-soċjetà attriċi Bartoli Brothers Limited is-somma komplessiva ta' mija tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tlieta u tmenin euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€123,583.31) u l-imgħax ulterjuri mid-19 ta' Diċembru, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjeż, inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru li ġew ippreżentati kontestwalment ma' din il-kawża, għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti Wayne Chetcuti u Armand Chetcuti *in solidum* bejniethom, ħlief għall-ispejjeż tal-konvenuta Helena Chetcuti li għandha tbatihom is-soċjetà attriċi.**

Moqrija.